**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Mejju, 2018.**

**Talba Nru: 95/2017PA**

**Untours Insurance Agents Ltd ghal Qici Ltd kif surrogata fid-drittijiet ta' John M Xiriha u l-istess John M Xiriha**

**vs**

**Agnes Fitzpatrick**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat fil-15 ta' Frar 2017 li permezz tieghu l-atturi ppremettew li l-vettura assikurata mas-socjeta' attrici sofriet diversi grif rizultat ta' att vandalu tal-konvenuta; li l-hsarat fil-vettura jammontaw ghal sitt mija, tmienja u tletin Ewro (€638), u talbu li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallashom l-imsemmija somma, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ezekuttiva numru 1530/14, u tal-arbitragg numru M4300/15 fl-ismijiet *Untours Insurance Agents Ltd vs Agnes Fitzpatrick* u bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-arbitragg, kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuta pprezentata fis-16 ta' Mejju 2017 li permezz taghha eccepiet li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u li sussidjarjament m'ghandhiex responsabbilta' ghall-ispejjez tal-arbitragg mitluba b'din il-kawza.

Ra li b'Risposta ulterjuri pprezentata fid-19 ta' Dicembru 2017, il-konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni fit-termini tal-art. 2153 tal-Kodici Civili.

Ra l-provi dokumentali mressqa mill-partijiet.

Sema x-xiehda taghhom, u tax-xhieda mressqa minnhom.

Sema' s-sottomissjonijiet orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Din hija kawza ghall-hlas ta' danni allegatament kagunati mill-konvenuta dolozament fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAL 410 assikurata mas-socjeta' attrici Untours Insurance Agents Ltd nomine.

L-atturi pprezentaw diversi provi dokumentali, senjatament, (i) rapport[1] li sar lill-pulizija ezekuttiva fit-28 ta' April 2013 minn Carlos Xiriha, li fih hemm registrat li ddikjara li l-kunjata tieghu Gioacchina Zahra kienet ghadha kemm rat lill-konvenuta Agnes Fitzpatrick tigref b'*keychain* safra b'cavetta maghha, il-bieba ta' quddiem tax-xellug, il-*mudguard* ta' wara tax-xellug, il-*bumper* ta' wara, u l-*mudguard* ta' wara tal-lemin tal-vettura tieghu tat-tip Kia Ceed, bin-numru ta' registrazzjoni CAL 410, waqt li din kienet ipparkjata fi Triq Fidloqqom, ir-Rabat, Malta. L-ufficjali tal-pulizija rregistraw li kellmu lill-konvenuta, li cahdet din l-allegazzjoni, anzi allegat li kienet hebbet ghaliha l-istess Zahra u qattghetilha l-libsa. Il-pulizija ddikjaraw li sabu u elevaw *keychain* safra b'cavetta maghha fid-dar tal-konvenuta; (ii) kopja ta' ittra legali li s-socjeta' attrici baghtet lill-konvenuta fit-12 ta' Gunju 2014 li permezz taghha talbitha

[1] Dok. A, fol. 12 sa 17

thallas ghad-danni fil-vettura wara l-ammissjoni taghha li kkagunat il-hsara[2]; (iii) ittra ufficjali ezekuttiva[3] tas-socjeta' attrici kontra l-konvenuta bin-numru 1530/14, flimkien mat-taxxa relattiva; (iv) *survey report* tal-hsarat fil-vettura[4]; (v) ricevuti tal-ispejjez attwalment inkorsi biex jissewwew il-hsarat[5]; (vi) *lodo*[6] u kont ufficjali[7] tal-proceduri ta' arbitragg bin-numru M4300/2015 li permezz tieghu t-Tribunal ta' Arbitragg iddikjara ruhu inkompetenti biex jisma' u jiddeciedi talba identika ghal dik in ezami; u (vii) skeda tal-kopertura assikurattiva tal-vettura fid-data tal-incident.[8]

Il-kuntistabbli **Matthew Buhagiar**[9], stazzjonat fl-ghassa tar-Rabat Malta, ikkonferma r-rapport tal-okkorrenza redatt minnu, u spjega li kienu marru jkellmuh Carlos Xiriha flimkien mal-kunjata tieghu Jacqueline Zahra, li allegaw li Zahra kienet qabdet fil-fatt lil Agnes Fitzpatrick taghmel hsara volontarja fil-vettura Kia Ceed bin-numru ta' registrazzjoni CAL 410. Qal li hu ra l-vettura, u ra l-grif rappurtat, u acceda fir-residenza tal-konvenuta biex jinvestiga. Qal li din cahdet li kienet ghamlet il-hsara, anzi ziedet tghid li hi u Zahra kienu gew fl-idejn u Zahra qattghetilha l-libsa. Qal li, fis-serratura fuq in-naha ta' wara tal-bieb ta' barra tal-konvenuta, sabu *keychain* safra b'cavetta, u elevawha. Qal ukoll li nforma b'kollox lill-Ispettur Robert Vella li kompla bl-investigazzjoni. Min-naha tieghu, l-**iSpettur Robert Vella**[10] kkonferma li kien involut f'din l-investigazzjoni, u li kien kellem lill-konvenuta u xlieha quddiem il-Qorti kompetenti bid-delitt ta' hsara volontarja fuq il-karozza in kwistjoni. L-ispettur Vella xehed li ma lahaqx ottjena rizultanzi forensici fuq ic-cwievet elevati billi l-konvenuta ammettiet l-akkuzi mressqa kontrieha fl-ewwel udjenza.

L-atturi resqu b'xhud taghhom lil **Carlos Xiriha**[11], li qal li ma ra xejn ghaliex kien fid-dar tal-kunjata tieghu meta gara l-incident. Qal li l-karozza bilkemm kienet ilha

---

[2] Dok. B, fol. 18
[3] Dok. C, fol. 19
[4] Dok. D, fol. 22 sa 24
[5] Dok. E1 sa E3, fol. 25 sa 27
[6] Dok. F, fol. 28 sa 30
[7] Fol. 31
[8] Dok. G, fol. 32 sa 33
[9] Ara xiehda, 27.6.2017, fol. 37 sa 38
[10] Ara xiehda, 20.2.2018, fol. 68 sa 69
[11] Ara xiehda, 27.6.2017, fol. 40 sa 41

sentejn ghandu u kienet ghadha f'kundizjoni tajba. Wara li sab il-vettura migrufa, ghamel *claim* mas-socjeta' attrici u hallas l-*excess* ta' mitejn Ewro (€200)[12].

In kontro-ezami, Xiriha qal li kellu hsara fl-*mudguard* tal-lemin, fuq wara.[13]

Xehdet ukoll **Jacqueline Zahra**[14]. Hija qalet li toqghod fil-fond 12, Mondline, Triq Fidloqqom, Rabat Malta. Qalet li f'gurnata tal-Hadd, meta kienet ghadha kif giet lura mix-xoghol fl-4.30pm, tfiet il-karozza taghha tat-tip Fiat, u rat lill-konvenuta tul ta' karozza u nofs 'il boghod minnha, miexja b'cinga tal-kelba f'idha gejja minn fuq il-bankina. Zahra kompliet tghid li, mbaghad, ratha tinzel minn fuq il-bankina u mxiet man-naha tal-passiggier tal-vettura tal-gharus tat-tifla taghha Carlos Xiriha, tat-tip Kia Ceed. F'dak il-mument, il-konvenuta kellha cinga tal-kelba f'idha x-xellugija u *keychain* safra f'idha l-leminija. Zahra ddikjarat car li rat lill-konvenuta tigref il-karozza ta' Xiriha, u dak il-hin harget mill-karozza taghha u staqsietha jekk kinetx qed tiggennen. Qalet li l-konvenuta cahdet li kienet qed tigref il-vettura, u hi cemplet il-qanpiena tad-dar taghha, ghajtet lil Carlos biex jinzel jara l-vettura, u baqghu sejrin l-ghassa. F'nofs it-triq, iltaqghu mal-konvenuta, li qalet li tatha daqqa ta' harta fuq wiccha, u hi imbuttatha.

In kontroezami, Jacqueline Zahra xehdet li l-vettura ta' Carlos Xiriha kienet ipparkjata fuq l-istess naha tat-triq bhall-vettura fejn kienet hi, li kienu pparkjati wicc ma' wicc, u bejn iz-zewg vetturi kien hemm zewg garaxxjiet minghajr vetturi pparkjati quddiemhom. Qalet li lill-konvenuta ratha tigref in-naha tal-passiggier tal-vettura ta' Xiriha, u din hadet qatgha x'hin indunat bix-xhud.

Fuq domanda tat-Tribunal, Zahra ddikjarat li hi u l-konvenuta kellhom xi jghidu fil-passat, ghaliex din allegat li hadulha papocc tas-sodda tat-tfal meta ghamlulha pjacir u zammewlha l-affarijiet taghha ghandhom bla hlas. Qalet ukoll li, f'xi zmien, il-konvenuta kienet izzommilha tifel zghir sakemm titla' fuq il-bejt, u kienet sabet xorb nieqes, u l-konvenuta qaltilha diskors iehor, u mbaghad keccietha, u spiccaw ma jitkellmux.

[12] Fol. 45
[13] Ara kontro-ezami, 24..42018
[14] Ara xiehda, 27.6.2017, fol. 42 sa 44

In kontro-ezami, Jacqueline Zahra ikkonfermat il-verzjoni taghha u uriet bi tpingija[15] dak li spjegat dwar kif kienu pparkjati l-vetturi, taghha u ta' Xiriha u minn fejn rat lill-konvenuta gejja, kif ukoll kif din imxiet madwar il-karozza ta' Xiriha.

L-atturi pprezentaw ukoll kopja ufficjali tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-12 ta' Marzu 2014 fil-kawza **Pulizija vs Agnes sive Ines Fitzpatrick**,[16] li permezz taghha l-konvenuta nstabet hatja tal-akkuza li fit-28 ta' April 2013, fl-4.30pm, volontarjament ghamlet il-hsara mertu ta' din il-kawza, fuq <u>ammissjoni</u> tal-konvenuta nnifisha u giet liberata bil-kundizzjoni li ma taghilx reat iehor fi zmien sentejn, filwaqt li l-Qorti rabtitha b'obbligazzjoni taghha nnifsiha li ma tkellimx u ma timmolestax lil Jacqueline Zahra u Carlos Sciriha ghal zmien sena taht penali ta' mitejn Ewro (€200).

Il-konvenuta **Agnes Fitzpatrick** xehdet[17] li Jacqueline Zahra kienet gara taghha, fi Triq Fidloqqom, Rabat, Malta, fejn toqghod xi hames bibien 'il boghod minnha. Qalet li kienet regolarment tohrog bil-kelb, imma ma setghetx timxi fuq il-bankina ghaliex Zahra kienet toqghod toffendiha. Qalet li, dakinhar tal-incident, kien hemm il-karozzi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq. Skond il-konvenuta, kienet gejja karozza fid-direzzjoni taghha, u hi resqet 'il gewwa. Fejn resqet, kien hemm karozza pparkjata pero' tghid li ma messithiex. Qalet li lil Zahra ratha fil-karozza, u kellha l-bieba mbexxqa. Kif waslet hdejha, din ratha u harget mil-karozza, ghajtet lil Carlos Xiriha, u qaltlu li issa kienet taf min kien qed jobroxlu l-karozza. Il-konvenuta qalet li hi baqghet miexja u daret il-kantuniera, pero' Zahra u Xiriha lahquha bil-karozza, u Zahra nizlet mill-karozza u cartitilha l-libsa li kellha fuqha. Fuq domanda tat-Tribunal, il-konvenuta kkonfermat li kien hemm zmien meta hi u Zahra kienu hbieb sew, sakemm zammitilha xi affarijiet minn taghha Zahra sakemm hi kienet qed iggor, u haditilha minnhom.

[15] Ara fol. 83
[16] Fol. 52 sa 53
[17] Ara xiehda, 6.12.2017, fol. 61 sa 62

In kontro-ezami[18], il-konvenuta accettat li kienet ammettiet minn jeddha l-akkuzi kriminali dedotti kontrieha dwar dan l-incident, skond hi biex ma toqghodx tiela' u niezla l-Qorti ghax kellha saqajha jugghuha.

Ikkunsidrat ukoll li:

Din hija kawza dwar responsabbilta' delittwali, li l-atturi qed jaghmlu kontra l-konvenuta, minhabba d-danni li jallegaw li sofrew bi htijiet taghha meta, volutament, ghamlet hsara fil-vettura tat-tip Kia Ceed bin-numru ta' registrazzjoni CAL 410. Il-konvenuta tichad li hija kkagunat dawk il-hsarat u d-danni, jew li ghandha taghmel tajjeb ghalihom.

Il-konvenut eccepiet il-preskrizzjoni biennali tal-azzjoni dwar danni mhux kagunati b'reat, skond l-**art. 2153** tal-**Kodici Civili**:

> L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.

Ghalkemm huwa minnu li l-atturi jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq responsabbilta' delittwali, din il-preskrizzjoni pero' mhix applikabbli f'dan il-kaz, minhabba li l-agir allegatament kommess mill-konvenuta kien jikkostitwixxi reat kriminali li dwarhom kien hemm process penali li gie konkluz b'sentenza ta' htija kontra l-istess konvenuta, fuq ammissjoni taghha stess.[19]

Konsegwentement, din l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuta ma tistax tintlaqa'.

Kwantu ghat-talba fil-mertu, taht il-ligi taghna, ir-responsabbilta' civili f'kaz ta' delitt hija regolata bl-**art. 1031** u **1032(2)** tal-Kodici Civili:

**1031. …** kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.

[18] Ara xiehda, 24.4.2018
[19] Fol. 50 sa 51

> **1032.** (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.
> (2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.

Il-principji generali tar-responsabbilta' civili ghad-delitt u l-kwazi-delitt fil-ligi taghna gew spjegati diversi drabi mill-qrati taghna f'diversi sentenzi, pero' dan it-Tribunal ghadu jsib cara u struttiva l-ispjegazzjoni li tat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **George Thomas Davison vs Joseph Azzopardi nomine**.[20] Meta analizzat id-disposizzjonijiet fuq citati dwar ir-responsabbilta' civili ghad-delitt, dik il-Qorti fissret li, biex tirrikorri din ir-responsabbilta', l-attur irid jipprova *'tliet elementi li huma (1) il-fatt dannuz illecitu, (2) l-imputabbilita' tal-istess fatt ghal min ikun ghamlu u (3) id-dannu kagunat minn dak l-istess fatt. Dawn it-tliet elementi ghandhom bilfors jikkonkorru f'delitt civili, jew fi kwazi-delitt, li jobbligaw l-awtur taghhom ghar-rizarciment tad-dannu kagunat mhux biss lill-vittma tal-att illecitu, imma anki lil kull min indirettament jirrizenti d-dannu ... hu fatt illecitu dak kollu li wiehed ma ghandux id-dritt li jaghmel u meta ngustament jilledi d-dritt ta' haddiehor ... Fid-delitt din il-volonta' libera tasal ghall-akbar gravita', jigifieri l-intenzjoni li ssir il-hsara; filwaqt li fil-kwazi-delitt tibbasta s-semplici kolpa. Inveru hu dan l-element morali, jigifieri d-dolo fid-delitt u l-kolpa fil-kwazi-delitt, li jikkostitwixxi d-differenza bejn il-wiehed u l-iehor; izda naturalment mhux bizzejjed li tigi konstatata l-htija, imma hu mehtig ukoll li jigi stabbilit li dik il-htija kkagunat dannu attwali u valutabbli u pruvat b'mod cert.'*

F'dan il-kaz, l-atturi ppruvaw kemm id-dannu, konsistenti fi grif fond f'diversi partijiet tal-vettura mertu tal-kawza, li jidher car li sar deliberatament minn xi hadd li ghadda mal-karozza b'oggett bil-ponta, u ghamel dan il-grif.[21]

Il-konvenuta pero' tichad li kienet hi li wettqet din il-hsara volontarja fil-vettura in kwistjoni. Hija tghid li ammettiet ghall-akkuzi mressqa kontiha fil-proceduri penali biex ma toqghodx tiela' u niezla l-Qorti, minhabba li kellha l-ugigh f'saqajha, u li

---

[20] Appell Kummercjali, 2.3.1962, XLVI.i.477
[21] Ara fol. 23 sa 24

kuntrarjament ghal dak allegat, kienet il-persuna li tallega li ratha taghmel din il-hsara volontarja li kienet taggrediha u toffendiha, kif il-konvenuta tghid li ghamlet maghha anke dakinhar.

Filwaqt li l-ammissjoni u l-kundanna tal-konvenuta fil-proceduri kriminali istitwiti kontrieha dwar din l-istess okkorrenza ghandhom piz daqs kull prova ohra ammissibbli u rilevanti, f'dan il-process civili, wara li qies il-provi kollha prodotti, u partikolarment id-deskrizzjoni ta' x'gara moghtija mix-xhud okulari Jacqueline Zahra, u l-ispjegazzjonijiet li kellha x'taghti l-konvenuta wara li semghet l-istess xiehda, it-Tribunal jidhirlu li l-atturi ppruvaw, fuq bilanc ta' probabiltajiet, l-imputabilita' tad-dannu ghall-konvenuta minhabba fil-hsara volontarja li b'rieda wettqet fuq il-vettura mertu ta' din il-kawza. Filwaqt li t-Tribunal fehem li hemm passat ta' divergenzi, piki u kwistjonijiet bejn il-konvenuta u x-xhud okulari Jacqueline Zahra, mill-kumpless tal-provi prodotti jinsab moralment konvint li l-konvenuta, b'ghazla taghha, daret mal-karozza in kwistjoni, u uzat ic-cavetta li kellha f'ideha biex ikkagunatilha grif. Ghal dan l-ghemil malizzjuz taghha trid taghmel tajjeb, mhux biss lejn l-Istat u l-generalita' tac-cittadini, imma wkoll lejn il-partijiet danneggjati.

Kwantu ghat-telf reklamat, l-atturi ppruvaw li s-somma reklamata effettivament batewha, ghaliex hallsuha spejjez biex gew rimedjati l-hsarat, u biex saret il-*claim* lill-kumpanija assikuratrici. It-Tribunal pero' ma jistax jilqa' t-talba attrici biex il-konvenuta thallas l-ispejjez tal-proceduri li l-atturi ghamlu quddiem it-Tribunal ta' Arbitragg, dwar dan il-kaz, fejn gie deciz li l-procediment kien sar hazin ghaliex dak it-Tribunal ma kienx kompetenti jiddetermina l-kawza. Ghal dawn l-ispejjez ma tahti xejn il-konvenuta, u ghalhekk m'ghandhiex taghmel tajjeb ghalihom hi.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, u filwaqt li jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet imressqa minnha, jilqa' limitatament it-talba attrici, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' sitt mija, tmienja u tletin Ewo (€638), bl-

ispejjez tal-ittra ufficjali ezekuttiva numru 1530/14, u bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-proceduri ta’ arbitragg mill-atturi kontra l-konvenuta sad-data tal-hlas shih effettiv.

L-ispejjez ta’ din il-kawza jithallsu mill-konvenuta.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**GUDIKATUR**